# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru 2024**

**Numru : 1**

**Rikors numru 318/2024/1 MS1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Muscat; Konrad Mizzi; Keith Schembri; Clarence John Coger Thompson; Christopher Spiteri; Jonathan Vella; David Joseph Meli; Ivan Vassallo; Mario Victor Gatt; Brian Bondin; Adrian Hillman; Pierre Sladden, Brian Tonna; Karl Cini; Sciacca Grill Limited; Kasco Engineering Company Limited; FSV Limited; MTrace plc; Gateway Solutions Limited; Technoline Limited; Eurybates Limited; Taomac Limited; Nexia BT Limited**

**u f'liema Riferenza b'digriet tal-5 ta' Lulju 2024 ġew imsejħa fil-kawża Joseph Muscat u Adrian Hillman**

1. Fit-30 ta' Awwissu 2024 l-appellanti ppreżentaw rikors sabiex għas-seduta tat-3 ta' Settembru 2024 jitħarrek bħala xhud ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex jippreżenta kopja ta' atti ta' proċeduri kriminali li fihom l-appellanti m'humiex parti. B'digriet mogħti fit-2 ta' Settembru 2024 din il-Qorti ċaħdet it-talba.

2. Imbagħad fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2024 l-appellanti kollha taw l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-Imħallfin li qegħdin jippresjedu l-Qorti Kostituzzjonali. Ir-raġunijiet li semmew biex jissostanzjaw it-talba huma s-segwenti:

i. Is-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **<u>Onor. Kap tal-Oppożizzjoni Avukat A. Delia vs Onor. Prim Ministru Joseph Muscat et</u>** (133/2018/3) tat-23 ta' Ottubru 2023. L-appellanti għamlu referenza għall-paragrafu 98 ta' dik is-sentenza u qalu li l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li kien hemm kollużjoni bejn il-kumpaniji li ngħataw il-konċessjoni tal-isptarijiet u esponenti għolja tal-Gvern jew tal-aġenzji tiegħu, u li wasslet sabiex saru kuntratti simulati maħsuba mhux biex jagħtu servizz mediku iżda biex jilħqu għanijiet oħra. Żiedu li saħansitra fl-inkjesta maġisterjali dwar il-konċessjoni tal-isptarijiet, il-Maġistrat Inkwirenti għamlet referenza għas-sentenza fuq imsemmija;

ii. Id-digriet li din il-Qorti tat fit-2 ta' Settembru 2024 li bih ċaħdet it-talba tal-appellanti sabiex iħarrku bħala xhud lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex jippreżenta kopja vera ta' atti ta' proċeduri kriminali li fihom m'humiex parti;

3. Sussegwentement, wara l-ordni li tat il-Qorti waqt l-imsemmija seduta, fid-9 ta' Settembru 2024 l-atturi ppreżentaw rikors li bih talbu għar-rikuża tal-Imħallfin sottofirmati *ai termini* tal-Art. 734(d)(i) tal-Kap. 12 u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Fir-rikors ir-raġuni għat-talba hi dik l-istess bħal dik li tissemma f'paragrafu 2(i) hawn fuq.

4. L-Avukat tal-Istat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn it-talba għandha tkun miċħuda (ara tweġiba tat-12 ta' Settembru 2024).

5. L-Art. 734(d)(i) tal-Kap. 12 jipprovdi għar-rikuża fejn il-ġudikant ikun:

> *".... ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha"*.

6. Il-meritu tal-appell li dwaru din il-Qorti ser tiddeċiedi jikkonċerna d-digriet li bih il-Qorti Kriminali ordnat referenza skont id-dispożizzjoni rilevanti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea

dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Id-domanda li għamlet dik il-Qorti fid-digriet tas-26 ta' Ġunju 2024 taqra hekk:

> *"Għalhekk il-Qorti, waqt li tagħmel referenza għallkonsiderazzjonijiet kollha magħmula hawn fuq, sejra tirreferi din il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha:*
>
> *Jekk l-imputati … humiex qed isofru jew ser isofru minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 u 9 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minħabba li ser jiġi leż d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, kif ukoll id-dritt tagħhom għal jedd ta' tgawdija tal-proprjetà tagħhom fil-proċeduri magħmula quddiem din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 36(8)(ii) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma joffriex rimedju effettiv, kif ukoll meta m'humiex mogħtija jedd ta' kontestazzjoni jew reviżjoni tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar matul il-pendenzi tal-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħhom, u dan anke meta ikun hemm varjazzjoni fl-imsemmi Ordni pendenti l-imsemmija proċeduri fuq talba tal-Prosekuzzjoni, biex b'hekk hija nieqsa il-parità flarmi bejn il-Prosekuzzjoni u id-Difiża, u jekk fl-affermattiv illi jingħataw rimedju xieraq".*

7. Fil-fehma tal-Qorti t-talba għar-rikuża m'hijiex ġustifikata meta tikkunsidra li:-

i. Il-kwistjoni tal-lum hi dwar nuqqasijiet li l-appellanti jallegaw li hemm fl-Att dwar Rikavat mill-Kriminalità (Kap. 621) għal dak li jikkonċerna l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar li nħareġ kontrihom, u dan fir-rigward tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq u t-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom. Kwistjoni li ma kinitx il-meritu tal-kawża 133/2018/3

ii. . Għalhekk ukoll ir-referenza għas-sentenza li l-appellanti jgħidu li saret fil-proċess verbal tal-Maġistrat fl-inkjesta dwar il-konċessjoni tal-isptarijiet, fatt kontestat mill-kontroparti li

ssostni li saret referenza għal dik is-sentenza biss fit-*timeline* tal-fatti, ma timpinġix fuq l-imparzjalità tal-Imħallfin li qegħdin jippresjedu din il-Qorti.

iii. F'kull każ fis-sentenza 133/2018/3 il-Qorti tal-Appell m'għaddiet l-ebda ġudizzju dwar l-appellanti personalment. F'kull każ, din il-Qorti mhi ser tgħaddi l-ebda ġudizzju dwar il-meritu tal-akkużi li qegħdin jiffaċċaw l-appellanti fil-proċeduri kriminali li hemm kontrihom. Materja li hi ta' kompetenza tal-qrati kriminali.

iv. Kull ma ntqal fid-digriet tat-2 ta' Settembru 2024 hu li l-eżitu tal-appell ma kienx jiddependi minn dak li seta' sar f'proċeduri kriminali oħra li fihom l-appellanti m'humiex parti. Dan ovvjament minħabba li dawn il-proċeduri qegħdin isiru minħabba l-kwistjoni li qamet quddiem il-Qorti Kriminali dwar l-allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-appellanti b'referenza għall-Att Rikavat mill-Kriminalità għal dak li jirrigwarda l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar (Kap. 621) u l-kontestazzjoni tal-istess. Fl-ebda parti ta' dak id-digriet din il-Qorti m'esprimiet xi ġudizzju dwar dak li hu l-meritu tal-appell li pproponew l-appellanti.

v. L-appellanti għamlu wkoll referenza għall-paragrafu (ii) tal-imsemmi digriet, fejn din il-Qorti qalet li, *"F'kull każ proċeduralment l-appellanti kellhom isegwu dak li jipprovdi l-art. 518 tal-Kodiċi Kriminali"*, fis-sens li jitolbu l-awtorizazzjoni tal-Qorti Kriminali biex jingħataw kopji ta' atti ta' proċeduri li fihom m'humiex parti. Raġuni li m'għandha x'taqsam xejn mal-meritu tal-appell li dwaru trid tiddeċiedi din il-Qorti.

8. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li m'hemmx raġunijiet leġittimi li jistgħu jwasslu għall-ġustifikazzjoni oġġettiva li l-Imħallfin m'humiex imparzjali fil-kwistjoni meritu tal-appell tal-appellanti.

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss